MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Numru. 526/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Fathi Brebesh**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **Fathi Brebesh** ta’ erbgha u ghoxrin (24) sena, iben El Assad u Khajreya nee` Bejtlmal, imwieled Tripli fit-2 ta’ Mejju 1990, residenti gewwa indirizz mhux maghruf, Swieqi, u detentur ta’ Passaport Libjan 289979 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-28 ta’ Mejju 2014 bejn l-4.00 ta’ filghodu u l-5.00 ta’ filghodu gewwa San Giljan u f’dawn il-Gzejjer Maltin;

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta’ Ramzi Mawlud Amara Omar f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ l-istess Ramzi Mawlud Amara Omar jew gablu disordni f’mohhu skond kif iccertifika Dr. C. Muscat M.D. (Reg. No. 1493) u liema offiza giet maghmula b’arma regolari u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) U kif ukoll talli garr ‘il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta, ta’ liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) Volontarjament, kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u/jew glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta` Ramzi Mawlud Amara Omar jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall- iskop ta` protezzjoni tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna bizgha ta` vjolenza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Semghet lill-parte civile jiddikjara li jixtieq jahfer lill-imputat u li kien qieghed jirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u l-fedina penali tieghu l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-mahfra tal-parti offiza u l-fatt li l-imputat iddikjara li jiddispjacih tal-akkadut u skuza ruhu mal-parti offiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216, 217 u 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,u kif ukoll artikolu 6 tal-Kapitoku 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Fathi Brebesh** hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn (2) mill-lum. In oltre il-Qorti qieghdha wkoll tikkundanna lill-istess Fathi Brebesh ghall-hlas ta' multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).**

In oltre, ai termini tal-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qieghdha tordna lill-imptuat sabiex taht penali ta’ elf ewro (€1000) ma jkellimx, ma jimmolestax u ma jingurjax lil Ramzi Mawlud Amara Omar ghal perjodu ta’ sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------